# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2023**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Guramentat Numru:- 939/2018 JVC**

**Josephine *sive* Joyce Dimech (K.I. Nru 379262M)**

**vs**

**Carmelo Magri (K.I. Nru 665546M) u Mary Magri (K.I. Nru 997749M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Josephine Dimech ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi permezz ta' konvenju datat 2 ta' Dicembru 1987 li kien sar bejn missier ir-rikorrenti Victor Chircop detentur tal-karta' tal-identita' 195433(M) u l-intimat Carmelo Magri, l-istess intimat Carmelo Magri kien intrabat li jakkwista' minghand missier ir-rikorrenti Victor Chircop il-plot numru wiehed u sittin (61) u porzjon diviz ta' plot numru sittin (60), formanti parti mill-art maghrufa bhala 'tal-Idward' li tinstab fil-kontrada tal-iMlit, limiti tal-Mosta;

2. Illi ghall-finijiet kollha tal-ligi l-istess konvenju illum huwa skadut u minghajr effett;

3. Illi l-intimati anke bnew l-immobbli fuq il-plot numru wiehed u sittin (61) u porzjon diviz ta' plot numru sittin (60), formanti parti mill-art maghrufa bhala 'tal-Idward' li tinstab fil-kontrada tal-iMlit, limiti tal-Mosta;

4. Illi r-rikorrenti kienet akkwistat l-propjeta in kwistjoni b'titolu ta' donazzjoni in atti tan-Nutar Dr Mary sive Mariella Mizzi datat 2 ta' Settembru 2014.

5. Illi l-intimati qeghdin jokkupaw il-plot numru wiehed u sittin (61) u porzjon diviz ta' plot numru sittin (60), formanti parti mill-art maghrufa bhala 'tal-Idward' li tinstab fil-kontrada tal-iMlit, limiti tal-Mosta flimkien mal-immobli mibni fuq l-istess artijiet

minghajr ebda titolu validu fil-ligi u minkejja li gew interpellati sabiex jirrilaxxjaw favur ir-rikorrenti l-imsemmija artijiet flimkien mal-immobbli mibni fuq l-istess artijiet, vakanti minn kull okkupazzjoni, sal-lum xorta ghadhom qeghdin jokkupawhom;

6. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha fil-Ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-intimati m'ghandhom l-ebda titolu validu fuq il-propjeta' hawn fuq deskritta u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jissollevaw kontra t-talbiet tal-istess rikorrenti;

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ir-rikorrent titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai terminu tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati qeghdin jokkupaw il-plot numru wiehed u sittin (61) u porzjon diviz ta' plot numru sittin (60), formanti parti mill-art maghrufa bhala 'tal-Idward' li tinstab fil-kontrada tal-iMlit, limiti tal-Mosta

flimkien mal-immobbli mibni fuq l-istess artijiet minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Konsegwentament tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju kif tistabbilixxi din 1-Onorabbli Qorti sabiex jizgombraw u jirrilaxxaw favur ir-rikorrenti il-plot numru wiehed u sittin (61) u porzjon diviz ta' plot numru sittin (60), formanti parti mill-art maghrufa bhala 'tal-Idward' li tinstab fil-kontrada tal-iMlit, limiti tal-Mosta flimkien mal-immobli mibni fuq l-istess artijiet, hielsa minn kull okkupazzjoni.

B'rizerva u minghajr pregudizzju ghal kull dritt u/jew azzjoni spettanti lir-rikorrenti ghall-hlas ta danni konsegwenzjali u spejjez ohra kontra l-intimati nkluz dawk tal-ittra ufficjali Nru 3605/14 li huma minn issa ngunti in subizzjoni.'

Rat li fil-verbal tat-23 ta' Ottubru, 2018 din il-Qorti diversament preseduta awtorizzat lill-intimati jiprezentaw risposta ghat-talba tar-rikorrenti b'dana li allura l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex il-kawza tinstema bid-dispensa tas-smiegh giet michuda.

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmelo u Mary Magri li taqra kif isegwi:

‘Illi llum l-art in kwistjoni tinsab kollha kemm hi mibnija u hemm fiha d-dar tar-residenza tal-intimati wara li l-istess art dahlu f’konvenju ghax-xiri taghha mal-aventi kawza tal-atturi, hallsu l-prezz kollha taghha, u gew assikurati mill-atturi li jistghu jibnu fuqha ghax it-trasferiment kien certament ser isiru u kien hemm biss problemi teknici sa biex jigi effetwat tali trasferiment; illi t-talba sa biex tittiehed lura l-pussess tal-art in vista tal-weghdiet li saru lill-intimati tirrasenta t-truffa u certament dina l-Onorabbli Qorti ma ghandiex taghti l-assistenza taghha ghall-agir bhal dan u raggiri simili;

Illi fil-fatt ma hemm l-ebda art mill-liema l-konvenuti jistghu jigu zgumbrati imma hemm id-dar tar-residenza ordinarja tal-konvenuti mibnija fuq dina l-art. Illi l-konvenuti kienu hadu pussess tal-art wara li hallsu l-prezz shih taghha minghand il-proprjetarju li jigi missier l-attrici u bnew ir-residenza taghhom bil-permess u kunsens tieghu u irrisjedew hemm. Huma strahu fuq il-weghda ripetuta tal-aventi kawza tal-attrici li huma setghu jirrisjedu hemm u li l-art kienet ser tigi trasferita lilhom;

Illi huma ghalhekk ghandhom drittijiet jkomplu jirrisjedu hemm billi mhux lecitu li l-akkordji inizjalment pattwiti meta huma bnew id-dar u bdew jirrisjedu fiha jigu unilateralment terminati; illi dan il-ftehim jammonta ghall-titolu ghall-kontiwata

okkupazzjoni tal-istess proprjeta u fl-ghar ipotesi ghalihom irid jinghad li huma ghandhom kommodat;

Illi fi kwalsijasi kaz l-attrici ma tistax tavvantaggja ruhha b' dan il-mod ghad-dannu tal-konvenuti minghajr ma qabel tikkumpensahom pjenament ghaz-zieda fil-valur li arreka l-fond u billi tirritornalhom kull ma hadet hija jew l-antecessuri taghha sabiex ippermettitlhom jiehdu f′ idejhom l-art u jibnu fuqha id-dar tar-residenza taghhom.

Illi l-istess attrici u l-aventi kawza taghha ghandhom obbligi fiducjarji versu l-konvenuti li huma tenuti jirrispettaw.

Ghalhekk l-esponenti qieghdin jikkontestaw din il-kawza;

Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati ghalhekk u fi kwalsijasi kaz fil-fatt u fid-dritt.

Illi ghall dak li gie dikjarat fir-rikors tal-atturi jigi dikjarat li:

1. L-fatti kif dikjarati fl-ewwel u t-tieni paragrafu mhux kontestati imma jigi precisata li l-konvenju thalla biss jiskada in vista tad-diffikultajiet li kellhom l-atturi biex jeffettwaw it-trasferiment u in vista tal-weghdiet kostanti da parti ta' missier r-

rikorrenti kif ukoll l-fatt li huma inghataw l-pussess u thallew jibnu darhom;

2. Il-fatti fit-tielet paragrafu mhux kontestati imma jigi precizat li dan gara bil-kunsens u bil-konoxxenza tas-sid;

3. Il-fatti fir-raba paragrafu mhux kontestati imma jigi precizat li r-rikorrenti huma ukoll eredi ta' sid l-istess art u din id-donazzjoni saret b' dannu tad-drittijiet tal-intimati u dwar dan l-intimati jirriservaw l-posizzjoni u d-drittijiet taghhom;

4. Il-fatti fil-hames paragrafu huma kontestati billi l-esponenti jokkupaw id-dar taghhom bi dritt kif jigi pruvat fil-kors ta' dina l-kawza.

Rat l-ittra ufficcjali interpellatorja datata 12 ta' Novembru, 2014, kuntratt ta' donazzjoni (fol. 10), affidavits, kuntratt ta' divizjoni, pjanti, permessi, xhieda u l-provi kollha fl-atti.

Rat in-nota tal-intimati a fol. 48 tal-process fejn indikaw li t-titolu allegat minnhom huwa bbazat fuq atti sui generis tal-kaz, aspettativi legittimi u obbligi fiducjarji tar-rikorrenti favur l-intimati u finalment titolu ta' kommodat.

Rat l-atti annessi bin-numru 1176/88 DS process esebit fl-atti mix-xhud Emanuel Sciriha.

Rat illi fil-verbal datat 14 ta' Lulju 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'talba tar-rikorrenti sabiex l-intimati jigu zgumbrati mill-proprjeta' plot numru 61 u porzjon diviz ta' plot numru 60, formanti parti mill-art maghrufa bhala 'tal-Idward' li tinstab fil-kontrada tal-Imlit, limiti tal-Mosta u dan abbazi li l-intimati ma ghandhom l-ebda titolu sabiex jiddetjenu l-istess proprjeta'.

L-intimati jopponu t-talba tar-rikorrenti, jsostnu li l-proprjeta' in kwistjoni  effettivament llum il-gurnata tikkonsisti fid-dar ta' residenza taghhom ghal aktar minn tletin (30) sena u li ggib l-indirizz 21, Maria Assunta, Triq il-Bilbla, Mosta u li bejn l-intimati

u missier ir-rikorrenti Victor Chircop kien gie ffirmata konvenju ghax-xiri tal-istess art u sahansitra Victor Chircop awtorizzahom jibnu fuq l-istess. Izidu li l-prezz miftiehem thallas izda l-kuntratt qatt ma sehh minhabba l-istess Victor Chircop. Permezz ta' nota fl-atti l-intimati jsostnu li t-titolu li jvantaw huwa abbazi ta' atti sui generis tal-kaz, aspettativi legittimi u obbligi fiducjarji tar-rikorrenti favur l-intimati u finalment titolu ta' kommodat.

Illi bhala provi ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni bejn il-partijiet. Il-fatti li jirrizultaw huma kif isegwi:

(i) Illi permezz ta' konvenju datata 2 ta' Dicembru 1987, missier ir-rikorrenti Victor Chircop dahal f'konvenju mal-intimat Magri li permezz tieghu l-intimati intrabat li jakkwista minghand Chircop il-plot numru 61 u porzjon diviz ta' plot numru 60 formanti parti mill-art maghrufa bhala 'tal-'Idward' li tinsab fil-kontrada tal-Imlit, Limiti tal-Mosta ghall prezz ta' erba't elef u hames mitt liri Maltin (Lm4,500);

(ii) Illi ghalkemm il-konvenju in kwistjoni gie mgedded diversi drabi u wkoll fil-mori tat-tigdid l-intimati hallsu s-somma kollha ta' erbat'elef u hames mitt Liti Maltin (Lm4,500), jirrizulta li finalment l-ahhar estensjoni valida ffirmata bejn il-partijiet skadiet fis-sena 2003. Ghalkemm kien hemm esetensjoni ohra din ma gietx iffirmata mill-venditu Victor Chircop;

(iii) Illi r-rikorrenti Joyce Chircop akkwistat l-art in kwistjoni permess ta' titolu ta' donazzjoni minghand il-genituri taghha nkluz Victor Chircop nhar it-2 ta' Settembru, 2014 b'dana li allura hija s-sid tal-proprjeta'.

(iv) Permezz ta' ittra ufficjali datata 12 ta' Novembru, 2014 r-rikorrenti interpellat lill-intimati sabiex jinzgumbraw mill-fond in kwistjoni (fol. 9).

(v) L-intimati ma zgumbrawx u saret il-kawza odjerna.

Il-Qoti rat il-kontenut tal-kuntratt ta' donazzjoni mill-genituri tar-rikorrent a favur tar-rikorrenti datata 2 ta' Settembru, 2014 li permezz tieghu il-proprjeta' in kwistjoni saret proprjeta' tar-rikorrenti.

Rat l-affidavit ta' **Carmelo Magri a fol. 51** et seq fejn fih jispjega kif hu kien wasal ghall-iffirmar ta' konvenju ma' missier ir-rikorrenti Victor Chircop fir-rigward tal-art in kwistjoni. Izid li Victor Chircop kien awtorizzah jibda jibni. Jghid li l-konvenju gie mgedded ghal diversi drabi fuq numru twil ta' snin bl-ahhar estensjoni hija dik datata 11 ta' Lulju, 2003 ghall-perjodu ta' hames snin. Irrizulta mill-provi fl-atti li din l-ahhar estensjoni ma kinitx giet iffirmata minn Victor Chircop. Jixhed kif Victor Chircop ma

kienx f'posizzjoni li jitrasferixxi l-proprjeta in kwistjoni stante li din kienet effettivament proprjeta' indiviza bejnhu u bejn persuni terzi u kienu dejjem qed jistennew li din tigi f'ismu (ghalhekk il-process anness 1176/88). Izid kemm ghamel spejjez fil-fond sabiex bena l-istess u dan gie 'finished' biex hu flimkien ma' martu jkunu jistghu jghixu fih u ilhom jaghmlu hekk ghal aktar minn tletin (30) sena bl-indirizz tal-fond llum huwa 21, Maria Assunta, Triq il-Bilbla, Mosta. L-intimat jinsisti li tul il-konvenju huwa hallas il-prezz kollu miftiehem lill-missier ir-rikorrenti ghalhekk kien baqa' biss il jsir il-kuntratt. Fil-fatt jirrizulta mill-estensjonijiet esebiti li l-prezz miftiehem gie mhallas f'pagamenti ta' Lm1,000, Lm1,000 u Lm2,500.

Il-Qorti rat li l-intimati a fol. 57 jesebixxu kopja tal-konvenju in kwistjoni kif ukoll tan-numru ta' estensjonijiet tal-istess. Rat li effettivament l-ahhar estensjoni datata 11 ta' Lulju, 2003 giet iffirmata biss mill-intimati (ara fol. 69).

Il-Qorti rat ukoll id-dokumentazzjoni kollha sussegwenti (fol. 70 et seq) li turi li kienu l-istess intimati li talbu l-hrug ta' permess ta' zvilupp fuq is-sit (kif konfermat mix-xhud Oliver Magro a fol. 269 ergo) u li bla dubju minn din id-dokumentazzjoni jirrizulta li l-intimati ghamlu eluf kbar ta' spejjez fuq l-istess art sabiex din giet mibnija fid-dar ta' residenza taghhom kif inhi llum.

L-intimat xehed in kontro-ezami a fol. 398 et seq tal-process. Mistoqsi jekk missier ir-rikorrenti Victor Chircop kienx offrielu li jtih il-flus lura u li ghalhekk l-intimat mar ghal parir ghand l-avukat jghid li ma jirrizultalux li ghamel hekk. Mistoqsi jekk intavolax ittra ufficcjali kif tirrikjedi l-ligi qabel l-iskadenza tal-validita' tal-konvenju sabiex Victor Chircop jersaq ghall-kuntratt, jghid li le ghaliex in-nutar ma kienx qallu. Jikkonferma li qabel il-kawza odjerna huwa ma ghamel l-ebda proceduri legali.

Mart l-intimat **Mary Magri fl-affidavit** taghha a fol. 55 tiddikjara li hija wkoll taf li missier ir-rikorrenti kien awtorizzahom jibdew il-bini pendenti l-kuntratt.

Rat ix-xhieda tan-**Nutar Dr. Mary Mizzi** a fol. 270 (c) ergo et seq. fejn esebit kopja tal-kuntratt ta' divizjoni datata 24 ta' Jannar, 2012 (fol. 275) li permezz tieghu il-genituri tar-rikorrenti saru proprjetarji assoluti tal-proprjeta' in kwistjoni fil-kawza odjern.

Rat ix-xhieda tal-**Perit Joseph Falzon** a fol. 341 et seq li kkonferma li kienu l-intimati li qabbduh sabiex jirredigi l-pjanti u jottjeni l-permessi tal-bini fuq is-sit in kwistjoni. Jikkonferma wkoll li waqt ix-xoghlijiet qatt hadd ma waqqafhom.

A fol. 365 jixhed in-**Nutar Tonio Spiteri** li jerga' jiprezenta kopja tal-konvenju in kwistjoni u tan-numru ta' estensjonijiet. Huwa

jixhed li inizjalment il-venditur Victor Chircop kien jiffirma l-estensjonijiet ukoll izda mbaghad kien waqaf.

Rat ukoll a fol. 375 ix-xhieda ta' **Charmaine Galea Triganza** u d-dokument esebit minnha liema xhud tressqet sabiex tevidenzja li l-intimat kien icempel diversi drabi lill-missier ir-rikorrenti.

A fol. 379 et seq xehdet in kontro-ezami r-rikorrenti **Josephine Dimech** fejn hija kkonfermat li qabel il-kuntratt ta' donazzjoni favur taghha hija lanqas kienet taf fejnha l-art in kwistjoni u li kien wara li talbet lin-nutar tghamillha r-ricerki li skopriet li l-konvenju fuq l-art in kwistjoni kien skada. Tghid li kien biss wara li saret taf dan li marret fuq il-post u sabet li l-art kienet mibnija. Hija nterpellat lill-intimati sabiex jizgumbraw, ma waslux ghal ftehim bonarju u spiccaw bil-kawza odjerna.

Rat a fol. 388 ir-rapport tal-**Perit Nadine Vella Baldacchino** datat 6 ta' Dicembru, 2021 esebit mill-intimati u li fih il-proprjeta' in kwistjoni giet stmata li presentement ghandha valur ta' sitt mija u hamsa u sebghin elf Euro (€675,000). Rat ukoll il-pjanta annessa tal-fond.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi huwa evidenti mill-provi fl-atti li llum il-gurnata l-konvenju favur l-intimati ghax-xiri tal-proprjeta' in kwistjoni huwa skadut u ilu hekk skadut minn Lulju 2003. Jehtieg ghalhekk li l-Qorti tara jekk l-intimati humiex legalment jiddetjenu l-proprjeta' in kwistjoni taht xi titolu iehor.

Illi fl-ewwel lok l-intimati jindikaw bhala titolu l-atti sui generis tal-kaz, aspettativi legittimi u obbligi fiducjarji tar-rikorrenti favur l-intimati. Il-Qorti taqbel ma' dak espost mill-intimati u cioe' li fil-mument li gie ffirmat il-konvenju minn missier ir-rikorrenti u l-intimati, verament kien hemm aspettativi legittimi da parti tal-intimati li r-rikorrenti ser jersaq ghall-kuntratt u l-proprjeta' tghaddi f'isimhom. Dawn l-aspettattivi aktar zdiedu mal-mument li l-intimati sahansitra inghataw il-permess li jibdew jibnu fuq l-art u wkoll hallsu l-prezz kollu miftiehem. Dan premess izda l-obbligi taz-zewg partijiet fuq il-konvenju kienu cari u jemanu mil-ligi cioe' li l-venditur jersaq ghall-kuntratt finali u jitrasferixxi l-proprjeta' u li l-intimati wkoll jersqu ghall-kuntratt finali u jhallsu l-prezz miftiehm.

Illi l-Qorti tqis, ghall-kuntrarju ta' dak espost mill-intimati, li l-jeddijiet taghhom ma jmorrux oltre dak li tippermetti l-ligi fil-parametri ta' konvenju. Effettivament l-intimati kellhom rimedju fil-ligi fit-termini tal-artikolu 1357 tal-Kap. 16 Kodici Civili li permezz tieghu setghu jinterpellaw lill-venditur jersaq ghall-

kuntratt fiz-zmien mpost mil-ligi u jekk ma jaghmilx dawn allura jiprezentaw il-kawza apposita sabiex jigi ordnat mill-Qorti jersaq ghall-kuntratt. Dan kollu l-intimati ghazlu li ma jghamluhx. Ghalhekk mihiex kwistjoni ta' fatti *sui generis* izda hija kwistjoni li l-intimati naqsu milli jaghmlu uzu mid-drittijiet moghtija lilhom fil-ligi b'dana li hallew tali jeddijiet jiskadu.

Illi finalment dwar l-allegat titolu ta' kommodat jirrizulta li sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tal-kommodat wiehed mill-kriterji li jrid jigi sodisfatt huwa li l-ftehim ma jkunx wiehed oneruz. Fil-kaz odjern irrizulta ampjament pruvat li l-ftehim bejn il-partijiet kien wiehed oneruz u cioe' prezz ta' erbat'elef u hames mitt lira Maltin (Lm4500) w'ghalhekk din l-eccezzjoni da parti tal-intimati ma tistax tirnexxi.

**Illi ma hemmx dubju izda li l-kaz odjern huwa wiehed ferm odjuz stante li jidher car li l-intimati, koncess in-nuqqas taghhom li jinforzaw il-konvenzju, gew ingannati tul iz-zmien minn missier ir-rikorrenti Victor Chircop filwaqt li r-rikorrenti finalment permezz ta' din id-decizjoni ser tibbenefika minn dan l-ingann ghaliex ser tirnexxi t-talba taghha ghall-izgumbrament tal-intimati u possibilment taghmel arrikkiment ingust. Ghalhekk din id-decizjoni hija minghajr pregudizzju ghal kull dritt li l-intimati jista' jkollhom fil-ligi sabiex jigu**

**rimborsati ghal danni u spejjez sofferti u azzjoni fuq arrikkiment ingust jekk ikun il-kaz.**

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tiddikjara l-ewwel talba sorvolata, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati u tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati qeghdin jokkupaw il-plot numru, wiehed u sittin (61) u porzjon diviz ta' plot numru sittin (60), formanti parti mill-art maghrufa bhala 'tal-Idward' li tinstab fil-kontrada tal-Imlit, limiti tal-Mosta flimkien mal-immobbli mibni fuq l-istess artijiet minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u konsegwentement tordna lill-intimati sabiex, jizgombraw u jirrilaxxaw favur ir-rikorrenti il-plot numru wiehed u sittin (61) u porzjon diviz ta' plot numru sittin (60), formanti parti mill-art maghrufa bhala 'tal-Idward' li tinstab fil-kontrada tal-Imlit, limiti tal-Mosta flimkien mal-immobli mibni fuq l-istess artijiet, hielsa minn kull okkupazzjoni u dan fi zmien tmien (8) xhur mil-lum in vista tac-cirkostanzi tal-kaz.

Bir-riserva kif mitluba mir-rikorrenti kif ukoll bir-riserva favur l-intimati ghal danni u spejjez sofferti skont il-ligi u possibbli azzjoni ghal arrikkiment ingust fil-konfront tar-rikorrenti, liema azzjonijiet qed jithallew impregudikati.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Mejju 2023**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju 2023**